# Tfal Edukati (Tislim)

**Filgħodu** ngħidu:



Bonġu. L-għodwa t-tajba.

**Waranofsinhar** ngħidu:

Il-waranofsinhar it-tajjeb.

**Filgħaxija u billejl** ngħidu:

Il-lejl it-tajjeb.

Fit-tislimiet t'hawn fuq, inwieġbu:



Lilek ukoll.



Tant ieħor.

Meta xi ħadd jagħtina xi ħaġa, ngħidu:



Grazzi.

Meta nirringrazzjawhom, inwieġbu:

M'hemmx imniex. / Xejn.

Biex nitolbu xi ħaġa, ngħidu:



Tista' tgħinni, jekk jogħġbok?

Biex niskużaw ruħna, ngħidu:



Skużani. / Aħfirli. / Ma nerġax.

Meta jċemplilna xi ħadd, ngħidu:



Ħelow. Min int, jekk jogħġbok?

Meta jagħtas xi ħadd, ngħidulu:





Evviva. /

Il-Bambin miegħek.

Qabel l-ikla ta' **nofsinhar** u ta' **filgħaxija**, ngħidu:



L-ikla t-tajba.

Meta nkunu se nħallu lil xi ħadd, ngħidu:

Saħħa. /Ċaw.

